

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Antica Azienda Agricola Vitivinicola Dei Conti Leone De Castris Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 303, 8.9.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-28 ta' Jannar 2016 – Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-667/14)⁽¹⁾

(“FAEGG — Sezzjoni ‘Garanzija’ — FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Verifika ta’ porzjonijiet żgħar — Assenza ta’ prova tad-dubju serju u raġonevoli — Estrapolazzjoni tar-riżultati tal-kontrolli fuq il-post”)

(2016/C 098/53)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: L. Bembič, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Rous Demiri u D. Triantafyllou, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni ta’ Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2014/458/UE, tad-9 ta’ Lulju 2014, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta’ ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta’ Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa’ fejn teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni, fir-rigward tar-Repubblika tas-Slovenja, ammont ta’ EUR 85 780,08 għas-sena finanzjarja 2010, ta’ EUR 115 956,46 għas-sena finanzjarja 2011 u ta’ EUR 131 269,23 għas-sena finanzjarja 2012.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni ta’ Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2014/458/UE, tad-9 ta’ Lulju 2014, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta’ ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta’ Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa’ fejn teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni, fir-rigward tar-Repubblika tas-Slovenja, ammont ta’ EUR 85 780,08 għas-sena finanzjarja 2010, ta’ EUR 115 956,46 għas-sena finanzjarja 2011 u ta’ EUR 131 269,23 għas-sena finanzjarja 2012.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll disa’ partijiet minn għaxra ta’ dawk sostnuti mir-Repubblika tas-Slovenja.
- 4) Ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tħalli parti minn għaxra tal-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 395, 10.11.2014.